**- Divizzjoni Parzjali - Ftehim bejn il-kondividendi-**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru: 16**
**Citazzjoni Numru: 1018/98/RCP**

**Ines Attard**
**vs**

**Edwin Attard u Carmen Tonna bhala eredi testamentarji tal-mejjet Francis Attard, u r-rispettivi konjugi Carmen Attard u Edwin Tonna, ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici ipprezentata fit-13 ta' Mejju 1998 fejn gie premess:-

Illi wara l-mewt ta' Francis Attard fis-7 ta' Mejju 1993 il-kontendenti qablu li jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmi Francis Attard u l-attrici, it-tieni mara tieghu li minnu ma kellhiex tfal, u jaqsmuha bejnietom skond il-ligi wara li l-atturi jhallsu lill-attrici elf lira Maltin (LM1,000) bhala dotarju spettanti lilha skond il-ligi kif ukoll sehemhom minn xi spejjez zghar relatati mal-mewt tal-awtur taghhom.

Illi l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti kienu jikkonsistu f'elfejn lira Maltin (Lm2,000) flus fid-dar, xi ftit mobbli u depoziti ntestati f'isem Francis Attard u l-attrici fil-Med Med Bank plc u l-Bank of Valletta plc, u xejn aktar.

Illi fit-12 ta' Awissu 1993 quddiem in-Nutar Patrick Cretien il-kontendenti wara li kkonfermaw il-ftehim taghhom fuq imsemmi ghaddew sabiex qasmu l-flus fid-dar li kienu jammontaw ghal elfejn lira Maltin (LM2,000) u l-konvenuti ghazlu u hadu xi mobbli li riedu jiehdu mid-dar konjugali ta' missierhom u l-attrici, u l-istess konvenuti hallsu lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) bhala dotarju lilha spettanti skond il-ligi u sehemhom, cioe' n-nofs ta' disa' u tletin lira hamsa u tletin centezmu (LM39.35c), li kienet hallsithom u rriversathom l-attrici waqt li l-ispejjes tal-

funeral ammontanti ghal mitejn u tmenin lira Maltin (LM280) gew imhallsa mill-flus depozitati u l-konvenuti ffirmaw l-iskrittura Dok. “X”, annessa mac-citazzjoni dwar kif ghandha ssir id-divizjoni tal-beni komuni bejnithom u l-attrici.

Illi d-depoziti li kienu fil-Mid Med Bank plc f’isem l-attrici u l-mejjet zewgha gew divizi kif kien mifthiem fid-Dok. “X” u cioe’ nofs ghall-attrici bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u zewgha, u nofs ghaz-zewg konvenuti bhala eredi testamentarji ta’ missierhom.

Illi meta l-attrici talbet li tinghata n-nofs sehem taghha fiz-zewg depositi fissi li kien hemm fil-Bank of Valletta intestati f’isimha u Francis Attard bin-numri 11801139033 u 11801139017, il-konvenuti opponew li dana jsir u l-Bank of Valletta waqqaf il-procedura tal-izbank minhabba din l-oppozizzjoni tal-konvenuti li ilha sejra diversi snin.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet lilll-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja dikjarazzjoni jekk mehtieg li kull ma’ baqa’ in komunjoni bejniethom, u cioe’ l-attrici bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha Francis Attard u l-konvenuti Edwin Attard u Carmen Tonna bhala eredi tal-mejjet missierhom Francis Attard, huma ‘l fuq imsemmija zewg depoziti fissi intestati fl-ismijiet Francis Attard u Ines Attard fil-Bank of Valletta (Balluta Branch) bin-numri rispettivi 11801139033 u 1180139017,

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li l-imsemmija zewg depoziti bl-imghaxijiet komulati fihom ghandhom jigu divizi bejn l-attrici u l-konvenuti billi l-attrici tkun tista' tirtira u tizbanka mill-Bank of Valletta plc n-nofs tal-imsemmija zewg depoziti bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti waqt li n-nofs l-iehor ikun jista' jigi rtirat u zbankat mill-konvenuti bhala l-eredi tal-mejjet missierhom kwart kull wiehed u dana wara li tithalla semplici ricevuta fil-Bank of Valletta plc kif isir is-soltu, u dana minghajr l-ebda xkiel iehor mill-konvenuti.

L-attrici irrizervat id-dritt ghal kull azzjoni lilha spettanti ghad-danni u bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' disa' ittri legali u tlett ittri ufficjali tad-29 ta' Settembru 1994, tat-23 ta' Dicembru 1997 u tal-14 ta' April 1998, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ipprezentata mill-attrici u d-dokumenti minnha ezebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuti fis-26 ta' Ottubru 1998 fejn ecceppew is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari c-citazzjoni hija nulla stante li bil-proceduri odjerni l-attrici qeghdha titlob divizjoni parzjali biss ta' l-assi tal-mejjet Francis Attard, talba li ma hijiex permessa mill-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma jaqblux mal-pjan ta' divizjoni u l-ammonti kif imsemmija u suggeriti fic-citazzjoni u dana peress li apparti li thallew hafna assi barra, id-divizjoni ma saritx skond il-kwoti u sehemijiet stipulati mill-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju wkoll ghal dawna l-eccezzjonijiet, tali pjan ta' divizjoni ma huwiex permess mill-ligi ghaliex kif propost l-attrici qieghda titlob li jinqasmu favur taghha flus appartenenti in parti lill-konvenuti Carmen Tonna u Edwin Attard dovuti lilhom mill-eredita' ta' ommhom Mary Attard, l-ewwel mara tad-decujus Francis Attard.

4. Illi l-konvenuti, f'kull eventwalita', ma ghandhomx jigu kundannati jhallsu spejjes f'dina l-kawza ghaliex dejjem ippruvaw jaslu ghal qsim u divizjoni, haga li ma sehhitx minhabba l-intransigenza tal-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuti u x-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti waqt dawna l-proceduri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghas-27 ta' April 1999, b'dan li l-konvenuti permezz ta' nota ghandhom jindikaw l-assi l-ohra li skond

huma kien ghadhom ma inqasmux u wkoll jesebixxu id-dokumenti relattivi in konnessjoni mal-istess.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 1999 fejn il-konvenuti in sosten tal-ewwel eccezzjoni taghhom indikaw l-assi tal-komunjoni li skond huma ma inqasmux bhala:-

(a) *foreign currency accounts B.O.V Account No. 11802439017.*

(b) Somma ohra ta' Lm3,700 fil-B.O.V. Balluta Branch.

(c) Depozitu fis ta' Lm200 - A. C. No. 2457758.

(d) Somma ta' rifuzzjoni ta' Lm350 mill-attrici lill-konvenuti bhala imghax fuq *fixed deposit* 11801139017.

(e) Kull ammont dovut fuq il-wirt tal-mejta Mary Attard, omm il-konvenuti li baqa' ma nqasamx sallum.

Illi l-istess konvenuti obbligaw ruhhom li jesebixxu d-dokumenti relattivi in sostenn tal-istess fi zmien ghoxrin gurnata mill-istess. Illi fl-istess seduta inghatat ix-xhieda tal-attrici, u Dr. Anthony Farrugia iddikjara li dwar l-ewwel eccezzjoni ma ghandhux provi izjed, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-23 ta' Gunju 1999.

Rat is-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami, u Edwin Attard, u l-kawza baqghet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi kollha tal-konvenuti dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-7 ta' Ottubru 1999 fil-11.00.a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1999 u x-xhieda ta' Albert Azzopardi rapprezentant tal-Lombard Bank, in-Nutar Patrick Critien u Paul Bezzina rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 1999 fejn xehdet l-attrici Ines Attard, u l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghal-4 ta' April 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2000, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-2 ta' Mejju 2000, peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li l-konvenuti naqsu li jindikaw l-artikolu li a bazi tieghu inghatat l-ewwel eccezzjoni, u sabiex il-Qorti tisma' l-

partijiet sabiex jiddikjaraw jekk hemmx provi bizzejjed fil-process sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza fuq il-mertu u l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti. Dr. Anthony Farrugia iddikjara li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza fuq il-mertu. Dr. Melvyn Mifsud ha konjizzjoni tal-verbal, u l-kawza thalliet ghas-6 ta' Gunju 2000 sabiex il-konvenuti jiddikjaraw l-posizzjoni taghhom dwar il-verbal tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2000 fejn Dr Melvin Mifsud iddikjara li baqghlu biss bhala provi lill-konvenuti u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-3 ta' Ottubru 2000, b'dan li l-konvenuti kellhom permezz ta' nota jindikaw l-artikolu li fuqha qed jibbazzaw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2000 u n-nota tal-konvenuti tal-istess data, fejn l-konvenuti ezebiew zewgt sentenzi li a bazi taghhom qed isostnu l-ewwel eccezzjoni taghhom. Dr. Melvyn Mifsud iddikjara li ma kellhux provi izjed fuq l-ewwel eccezzjoni u li ma gab ebda provi ohra, u Dr. Anthony Farrugia talab li l-kawza tmur ghas-sentenza, w il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Jannar 2001.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>A. Provi Prodotti.</u>

Illi **l-attrici** sostniet li hija kienet izzewget fil-31 ta' Lulju 1976 u zewgha miet fis-7 ta' Mejju 1993. Meta miet zewgha kien hemm biss depoziti f'isem il-konjugi Attard fil-Mid Med Bank Limited u zewg kontijiet fil-Bank of Valletta p.l.c., wiehed minnhom ta' cirka Lm3,700 apparti elfejn lira Maltija (Lm2,000) flus kontanti d-dar, li minnhom inqassmu Lm1000 ghall-istess attrici u Lm1000, (Lm500 kull wiehed ghall-istess konvenuti) kif jirrizulta mir-ricevuta datata 12 ta' Awissu 1993 bhala Dok. "Y" a fol. 9 tal-process.

Illi l-partijiet ftehmu kif kellhom jinqassmu l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghha mad-*decujus* permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Awissu 1993 immarkata bhala Dok. "X" a fol. 8 tal-process. Illi konsegwenti mal-istess ftehim kellha tithallas is-somma ta' Lm1,000 lill-attrici bhala dotarju, u l-ispejjez tal-funeral.

Illi sostniet ukoll li kien hemm Foreign Currency Account f'isem l-istess decujus, u uliedhu Carmen Tonna u Edwin Attard, u dawn bhala eredi ta' ommhom, li kienet l-ewwel mara tal-istess decujus.

Illi l-attrici qalet li kellha kont fil-Lombard Bank l-Inghilterra fuq isimha li infetah minnha meta kellha tmintax il-sena, u meta izzewget qatt ma ghamlet depoziti fih matul iz-zwieg, pero' sakemm miet zewgha kienet tiehu l-imghax, pero' wara l-mewt tieghu baqa' jizdied l-imghax li hija ma kienitx tirtira.

Illi l-istess attrici sostniet li mill-istess *foreign currency accounts* qatt ma ppretendiet xejn, peress li dan kien parti mill-assi parafernali tal-istess decujus.

Illi l-attrici sostniet li meta kienet xebba kellha kont fil-Bank tal-Gvern, u meta dawn ghalqu ittrasferithom il-Mid Med Bank Limited fuq isimha, u ghalhekk dan l-ammont kien parafernali taghha.

Illi l-**konvenut Francis Attard** sostna illi mill-wirt ta' ommhu, l-ewwel mara tad-decujus Francis Attard, ma kien inqasam xejn. Dan il-wirt ta' ommu kien jikkonsistti fl-ammont ta' tlett elef u sebgha mitt lira (Lm3,700) fi flus kontanti li wara gew depositati l-Bank, parti l-Bank of Valletta, u parti il-Mid Med Bank fuq isem id-decujus. Kellhom ukoll *Defence Bonds* l-Ingilterra, li gew wara depozitati f'Bank of Valletta Sterling Account f'isem l-konvenuti u d-decujus. L-istess xhud sostna li l-attrici gibdet xi imghax mill-Bank of Valletta, Balluta Branch account fl-ammont ta' Lm300.

Illi in kontro-ezami sostna li huwa iffirma l-iskrittura a fol. 8 tal-process, thallas sehmu mill-elfejn lira (Lm2,000) li kien hemm id-dar, u inqasmu l-ammonti depozitati l-Mid Med Bank, nofs ghall-attrici u nofs bejn il-konvenuti, u hallsu minnhom lill-attrici elf lira bhala dota, u baqa' xi ammont ta' sebgha t'elef lira Maltija (Lm7,000) depositati fil-Bank of Valletta p.l.c.

Illi **Albert Azzopardi**, rapprezentant tal-Lombard Bank (Malta) Limited ikkonferma d-dettalji tal-ittra tas-7 ta' Settembru 1999 (fol. 67) minn fejn jirrizulta li l-attrici kellha zewg accounts fil-Lombard North Central Plc. li kienu is-segwenti:-

(a) A/C No. 10242139 li infetah fit-8 ta' Gunju 1998 ;

(b) A/C No. 10242147 li in fetah fit-8 ta' Gunju 1988 u li inghalaq fis-27 ta' Settembru 1993.

Illi mid-dokumenti ezebiti mill-attrici a fol. 107 sa fol. 153 tal-process jirrizulta li l-istess attrici kellha kont Numru 047731 A fil-Lombard North Central Limited, li l-ewwel statement tieghu huwa datat 30 ta' Gunju 1976 fl-ammont ta' stg1757.04, li fih sar deposit fis-27 ta' Awissu 1987 (fol. 130) u telgha ghall-stg 3217.86, li gie maghluq fil-11 ta' Lulju 1988, u liema ammont infetah f'kont iehor Numru 10242139 li infetha fil-11 ta' Lulju 1988, li l-attrici dejjem irtirat l-interessi minnu hlief mit-8 ta' Dicembru 1997, b'dan li sat-8 ta' Gunju 1999 kien jaqra stg.3330.62.

Illi **n-Nutar Dr. Patrick Critien LL.D** xehed illi sostna li wara li ghamel ir-ricerki, sab li kien hemm flus il-Mid Med Bank u l-Bank of Valletta, u l-flus li kienu depozitati il-Mid Med Bank inqassmu, nofs lill-attrici u nofs lill-konvenuti, pero' wara li giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet datata 12 ta' Awissu 1993 l-konvenuti sostnew li ma riedux jaqsmu l-flus li kien hemm depozitati il-Bank of Valletta

p.l.c. peress li sostnew li dawn kienu flus tad-decujus qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici. Irrimarka wkoll li ma kien jaf bl-ebda *foreign accounts* tal-istess xhud.

**B. EVALWAZZJONI TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici qed taghmel il-kawza a bazi tal-iskrittura datata 12 ta' Awissu 1993 redatta min Nutar Patrick Critien, u esebita bhala Dok. "X" a fol. 8 tal-process, liema skrittura iffirmata mill-konvenuti Edwin Attard u Carmen Tonna tipprovdi li:-

*"Ahna 'l hawn taht iffirmati Carmen Tonna u Edwin Attard, ulied il-mejjet Francis Attard, li kien joqghod 47, Camenzuli Street, Sliema, li miet fis-7 ta' Mejju 1993, naccettaw illi mis-sehem taghna tal-eredita' tal-istess Francis Attard ghandha titnaqqas is-somma ta' elf lira (LM1,000) li hija dovuta bhala dotarju lill-armla tieghu Ines Attard, kif ukoll l-ammonti ta' LM30 ghall-irhama u LM9.35c tas-santi, u mbaghad li jibqa' jinqasam in kwantu ghal nofs lil Ines Attard u kwart kull wiehed ghalina. Niddikjaraw ukoll li ahna hadna dak li ridna dwar ghamara li kien hemm id-dar, u ma ahniex sejrin naghmlu ebda pretensjoni fuq l-istess Ines Attard dwar dak li baqa'."*

Illi a bazi ta' din l-iskrittura huwa evidenti li fil-mument li din giet iffirmata ma kien hemm l-ebda dizgwid bejn il-partijiet dwar liema kienu l-assi formanti il-kommunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u l-mejjet Francis Attard, tant li taw lok ghall-

istess divizzjoni billi thallsu l-ammonti kollha hemm indikati, u qasmu wkoll id-depozitu li kien hemm fil-Mid Med Bank Valletta, u ghalhekk kien baqa' biss li jinqasmu id-depositi bankarji ezistenti sallum fil-Bank of Valletta p.l.c. Numri 11801139033 u 11801139017, mertu tal-kawza odjerna.

Illi jinghad mill-ewwel li l-konvenuti ammettew li kienu ghamlu din id-dikjarazzjoni, u wkoll li kienu qablu a bazi tal-istess li r-rimanenti depoziti bankarji formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Francis u Inez Attard, kellhom jinqasmu bil-mod minnhom stess indikat fl-istess skrittura u cioe' nofs l-istess depoziti jigu assenjati lill-attrici bhala sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti, u n-nofs l-iehor jinqasam kwart ghall-konvenuti Edwin Attard u Carmen Tonna, bhala eredi tal-istess decujus Francis Attard missierhom.

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenuti ma ghamlu ebda attentat lanqas gudizzjarju sabiex jannullaw l-istess skrittura, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hija tali skrittura u ftehim bejn il-partijiet odjerni, li ghandu jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom in konnessjoni mal-istess divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti premessa.

Illi l-konvenuti llum qed isostnu li ma jridux jibqghu mal-ftehim stante li qed jallegaw li hemm assi ohra formanti il-komunjoni tal-akkwisti li ma gewx maqsuma u dawn jikkonsistu *f'foreign currency account il-B.O.V.*, depozitu fil-

Bank of Valletta Balluta Branch, depozitu fiss ta' Lm200 fl-*account No*. 2457758 u r-rifuzzjoni tal-imghax ta' Lm350 li l-attrici hadet mill-*fixed deposit* 11801139017.

Illi wara li din l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom u dan stante li mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta plc indikati fic-citazzjoni attrici huma l-unici assi li fadal jinqassmu bejn il-partijiet formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn l-istess decujus u l-attrici, u apparti dawn ma hemm ebda assi ohra in komun bejn il-kontendenti.

Illi dan qed jinghad peress li jidher li l-konvenuti naqsu milli jikkunsidraw illi l-assi ereditarji li minnhom ghandha tibbenifika l-attrici, bhala sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti premessa u ghalhekk dawk li huma komuni bejnietom, jikkonsistu biss f'dawk l-assi li gew akkwistati mill-mejjet missierhom u l-attrici waqt iz-zwieg taghhom. Il-maggior parti tal-flejjes li jsemmu l-konvenuti u li jikkontendu ghandhom ikunu parti minn din d-divizjoni, fi kliemhom stess kienu jezistu **qabel** iz-zwieg tal-mejjet missierhom mal-attrici. Ghalhekk dawn ma humiex flejjes li huma ghandhom in komuni mal-attrici, u ghalhekk ma humiex mertu ta' din il-kawza u tal-iskrittura iffirmata mill-istess konvenuti.

F'dan ir-rigward, fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 Il-konvenut Edwin Attard jghid li meta mietet ommom il-wirt kien jikkonsisti f'tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700), izda dwar dan l-ammont l-konvenuti ma gabu ebda prova konkludenti, u di piu' l-iktar importanti *ai fini* ta' din il-kawza, ma hemm ebda prova li dawn jifformaw parti mid-depoziti formanti parti mill-kawza odjerna, u dan huwa hafna sinifikattiv fl-evalwazzjoni tal-provi quddiem din il-Qorti, peress li la darba dan kien qed jigi allegat mill-istess konvenuti, kien oneru tal-istess konvenuti li jippruvaw l-istess, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dawn naqqsu li jaghmlu, la permezz ta' xhieda *viva voce* u lanqas permezz ta' dokumenti li almenu jaghtu xi forma ta' prova dwar l-istess allegazzjoni.

Illi dwar il-*foreign account* li l-konvenut Edwin Attard sostna li kien jezisti fil-mument tal-mewt ta' ommu, jirrizulta li dan id-depositu wara nqaleb ghal fuq isimhom u fuq isem missieru, u llum jinsab taht *foreign account deposit* mal-mal-Bank of Valletta p.l.c. u li dwar l-istess ma hemm u lanqas qatt kien hemm ebda pretensjoni mill-attrici, stante li dan kien jezisti qabel iz-zwieg taghha mal-istess decujus, u ghalhekk qatt ma kien formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess konjugi, u ghalhekk qatt ma kien mertu tal-kawza odjerna, kemm ghaliex l-attrici qatt ma kellha sehem minnu, kif ukoll ghaliex l-istess kont jinsab ukoll f'isem il-konvenuti stess, u allura qatt ma kien jifforma parti mill-pjan ta' qasma miftiehem bejn il-partijiet skond l-iskrittura tat-12 ta' Awissu 1993.

Illi dwar d-depoziti li kien hemm fil-Lombard North Central p.l.c. jirrizulta li l-unika kont li llum jezisti huwa dak Numru A/C 10242139, u li jinsab elenkat fl-ittra datata 7 ta' Settembru 1999 (fol.67).

Illi dwar dan l-istess kont l-attrici Inez Attard fil-fatt ezebiet numru ta' *statements* irrilaxxjati mill-Lombard North Central plc koncernanti l-kontijiet bankarji taghha. Minn dawna d-dokumenti jirrizulta li hija kellha l-kont bankarju numerat 047731 li kien diga' miftuh fil-15 ta' Marzu tas-sena 1976. L-attrici u l-mejjet Francis Attard zzewgu fil-31 ta' Lulju 1976, u ghalhekk ma hemmx dubju li dawna l-flejjes huma parafernali tal-istess attrici u konsegwentement ma jistghux jigu divizi bejn il-kontendenti, ghaliex fil-fatt dan il-kont gie trasferit fil-kont Numru 10242139, kif jirrizulta bla ebda dubju fl-*istatements* relattivi ghall-istess kont esebiti mill-attrici.

Illi in effetti mill-istess *statements* jirrizulta li l-kont 047731 gie maghluq fil-11 ta' Lulju 1988 u l-flejjes li kienu jinsabu depozitati fih gew trasferiti ghal kont iehor li huwa 10242139, u ghalhekk ukoll il-konvenuti ma ghandhom l-ebda jedd fuq dana l-kont.

Illi dwar l-kont l-iehor imsemmi fl-ittra tal-Lombard Bank datata 7 ta' Settembru 1999, jinghad illi l-kontenut ta' dina l-ittra ma gie fl-ebda mod ikkonfermat mir-rapprezentant tal-istess bank meta xehed quddiem dina l-Qorti. L-attrici,

min-naha taghha, innegat li kien jezisti dana l-kont, u apparti dan ma jirrizultax li dan il-kont ghadhu jezisti llum.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-attrici irtirat xi imghax mid-depoziti bankarji li kellhom jinqassmu fl-ammont ta' cirka Lm350, jirrizulta li apparti li nofs l-istess ammont li huwa certament sehem l-attrici, dawn gew utilizzati mill-attrici ghall-hlas tal-funeral li kellu jithallas mill-eredi tal-istess *decujus,* u certament m'ghandhux ikun ta' ostakolo ghad-divizzjoni miftehma bejn il-partijiet skond l-iskrittura premessa.

Illi dwar l-ammonti l-ohra indikati mill-konvenuti ma tressqu l-ebda provi dwar l-istess u ghalhekk certament li fl-opinjoni tal-Qorti dawn ma jirrizultawx pruvati.

Illi baqa' biss li jigu ghalhekk ikkunsidrati l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti u l-ewwel eccezzjoni qed issostni li t-talbiet attrici huma insostenibbli stante li jikkoncernaw divizjoni parzjali biss tal-assi ereditarji tal-mejjet Francis Attard.

Illi fl-ewwel lok jinghad li din il-kawza tirrigwarda talba ghall-esekuzzjoni ta' divizzjoni miftehma bejn il-partijiet fuq l-oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Attard, stante li dik hija l-unika proprjeta' li l-partijiet fil-kawza kellhom in komun bejniethom. Illi isegwi wkoll li tali citazzjoni saret sabiex jigi esegwit il-pjan ta' qasma miftehma bejn il-partijiet skond l-iskrittura premessa, u ghalhekk ma saritx sabiex jigu likwidati l-assi tad-decujus.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-depositi bankarji imsemmija huma fil-fatt l-unika depoziti li fadal mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Attard, u l-unika assi tenuti in komun bejn il-kontendenti. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward din l-ewwel eccezzjoni m'ghandhiex tigi milqugha.

Illi apparti dan pero' jinghad li filwaqt li din il-Qorti hija konkordi mal-principju li divizjonijiet parzjali ma humiex permessi, izda ovvjament dan il-massima ghandha l-eccezzjonijiet taghha fosthom meta jkun hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha, bhal ma huwa il-kaz odjern, liema kunsens gie manifestat bl-iskrittura privata premessa.

Illi dan johrog car mis-sentenzi citati mill-istess konvenuti, fejn fil-kawza fl-ismijiet **"Giorgio Pulo" vs Francesco Pulo'"(** P.A. (W.H.) tal-1 ta' Frar 1936. XXIX.ii.940 ) fejn inghad illi:-

*"Illi per regola d-divizzjonijiet parzjali ma humiex ammessibbli, ghaliex id-divizzjoni ghandha l-iskop li tittermina l-kommunjoni u kwindi jidher guridikament kontrasens li ssir divizzjoni w intant jibqa' komunjoni. Imma l-kunsens tal-kollitiganti jista' jiggustifika eccezzjoni ghal din il-massima………Inoltri, l-gudikant meta hemm il-kunsens tal-kollitiganti kollha, ghandhu jsegwi kemm jista' jkun il-massima "judicem in pradiis dividendis quod omnibus utilissimum est, vel quod malint litigatores sequi convenit".* Dan il-kuncett gie ribadit fis-sentenza **"John Mallia vs Alfred Cassar et" -** (P.A. (G.V.) 3 ta' Ottubru

1996, u l-ostakolu f'dik il-kawza kien li ma kienx hemm il-kunsens tal-partijiet kollha ghad-divizzjoni ta' bejt proposta, mentri f'dan il-kaz hemm il-kunsens tal-konvenuti, kif manifestat fl-iskrittura u dikjarazzjoni tal-konvenuti tat-12 ta' Awissu 1993.

Illi bit-tieni eccezzjoni l-konvenuti jsostnu li ma jaqblux mal-pjan ta' divizzjoni u l-ammonti imsemmija peress li thallew hafna assi barra, u d-divizzjoni ma saritx skond il-kwoti u sehmijiet stipulati mil-ligi. Illi pero' dwar din l-eccezzjoni jirrizulta li l-pjan ta' divizzjoni propost mill-attrici, huwa proprju dak li l-konvenuti stess qablu dwaru bl-iskrittura tat-12 ta' Awissu 1993, li tinvolvi l-assi rimanenti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Attard, indikati wkoll biz-zewg depositi msemmija fic-citazzjoni attrici, u l-ebda assi ohra formanti parti minn din il-komunjoni ma' irrizultaw mill-provi prodotti f'din il-kawza, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. *Di piu'* ma gie bl-ebda mod ippruvat ghall liema kwoti fil-ligi differenti minn dawk indikati fic-citazzjoni attrici, l-konvenuti qed jirreferu ghalihom, u ghalhekk l-istess eccezzjoni ghal din ir-raguni wkoll hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi it-tielet eccezzjoni, fejn l-konvenuti qed isostnu li qed tintalab divizzjoni ta' flus appartenenti lill-konvenuti u lill-eredita' ta' ommhom Mary Attard, hija infondata wkoll fil-fatt u fid-dritt u assolutament ma irrizultatx mill-provi prodotti, kif gie ampjament spjegat iktar il-fuq, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni din il-Qorti thoss li l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, kwantu ghan-nofs ghall-attrici u kwantu ghan-nofs l-iehor a karigu tal-konvenuti, skond is-sehem taghhom fl-istess divizzjoni.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, tiddikjara li kull ma' baqa' in komunjoni bejn il-partijiet, u cioe' l-attrici bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha Francis Attard u l-konvenuti Edwin Attard u Carmen Tonna bhala eredi tal-mejjet missierhom Francis Attard, huma 'l fuq imsemmija zewg depoziti fissi intestati fl-ismijiet Francis Attard u Ines Attard fil-Bank of Valletta (Balluta Branch) bin-numri rispettivi 11801139033 u 1180139017, u ghalhekk **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li l-imsemmija zewg depoziti bl-imghaxijiet komulati fihom ghandhom jigu divizi bejn l-attrici u l-konvenuti billi l-attrici tkun tista' tirtira u tizbanka mill-Bank of Valletta p.l.c n-nofs tal-imsemmija zewg depoziti bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti, waqt li n-nofs l-iehor ikun jista' jigi rtirat u zbankat mill-konvenuti bhala l-eredi tal-mejjet

missierhom kwart kull wiehed u dana wara li tithalla semplici ricevuta fil-Bank of Valletta p.l.c kif isir is-soltu, u dana minghajr l-ebda xkiel iehor mill-konvenuti.

Illi l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk ta' disa' ittri legali u tlett ittri ufficjali tad-29 ta' Settembru 1994, tat-23 ta' Dicembru 1997 u tal-14 ta' April 1998, ghandhom jigu ssopportati kwantu ghan-nofs mill-istess attrici, u kwantu ghan-nofs l-iehor bejn il-konvenuti, skond is-sehem rispettiv tal-partijiet fl-istess divizzjoni kif fuq spjegat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D**
**9 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Jannar, 2001**